MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Talba Numru. 1743/2003

**Avukat Dottor George J Cutajar**
**vs**

**Dorianne mart Romaine Galea u l-istess Romaine Galea ghal kull interess u b'digriet tal-4 ta' Novembru, 2003 il-kumpanija SMS Insurance Agency Ltd in rapprezentanza tas-socjeta' estera «Ecclesiastical Insurance Office tal-Ingilterra» giet awtorizzata tintervjeni fil-kawza**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Settembru, 2003, fejn intqal:**
**Illi fil-31 ta' Jannar, 2003 waqt li l-attur kien qed isuq il-vettura HAP 328 gewwa Triq il-Ghenba, H'Attard ghall-habta tas-7:15a.m. dina sfat milquta mill-vettura DAO 256 misjuqa mill-konvenuta Dorianne Galea ;**
**Illi l-indicent sehh unikament tort u htija ta' sewqan traskurat u negligenti da parti tal-konvenuta tant illi t-**

**tiswijiet necessarji fil-vettura ta' l-attur thallsu kollha mill-kumpanija assikurattrici tal-konvenut;**
**Illi l-vettura ta' l-attur damet tissewwa mill-31 ta' Jannar, 2003 sas- 6 ta' Mejju, 2002 tul liema perjodu l-attur gie kostrett jikri karozza;**
**Illi l-attur hallas is-somma ta' Lm655 (VAT inkluz) ghal kiri ta' karozza u nonostanti li nterpella lill-konvenuta sabiex thallas dina rrifjutat.**
**Ighidu ghalhekk il-konvenuti jew min minnhom, ghaliex dana t-Tribunal m'ghandhux:**
**1. Prevja u okkorrendo jiddikkjara lill-konvenuta bhala unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u jikkundanna lill-istess thallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u hamsa u hamsin lira (Lm655) rapprezentanti tali ammont danni sofferti mill-attur konsistenti fi hlas ghall-karozza tal-kiri.**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju numru 1767/03 (NS), bl-imghax legali mis-6 ta' Mejju, 2003 u tal-ittri tat-28 ta' Marzu, 2003 u tat-30 ta' Gunju, 2003 kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti pprezentata fil-15 ta' Ottubru, 2003 fejn intqal:**
**Illi l-konvenuta Dorianne Galea m'hijiex responsabbli tad-dewmien fit-tiswija tal-karozza ta' l-attur;**
**Illi d-dewmien sehh minhabba tul ta' zmien eccessiv biex jingiebu « spare parts » ghall-vettura tal-attur;**
**Illi di piu', il-konvenut Romain Galea offra li jassisti lilll-attur biex jingiebu «spare parts».**
**Ghaldaqstant, it-Tribunal ghandu jichad it-talbiet atturi peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, kif ser jigi ppruvat matul il-mori tas-smiegh tal-kawza.**
**Bl-ispejjez unikament a karigu ta' l-attur, inkluzi l-ispejjez ta' din ir-risposta.**

**Ra r-risposta ta' SMS Insurance Agency Limited noe pprezentata fl-24 ta' Novembru, 2003 fejn intqal illi:**
**Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet tal-assikurat taghha Romain Galea u martu Dorianne Galea s-**

**socjeta' intervenuta f'din il-kawza teccepixxi ulterjorment :**
**1. Illi l-ammont ta' danni mitluba mill-attur bhala « car hire » huma ammont eccessiv;**
**2. Illi tali eccess ma jahtux ghalih l-assigurati tas-socjeta' esponenti;**
**3. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess is-socjeta' esponenti hija tenuta thallas biss sa massimu ta' Lm250 ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni applikabbli.**
**Bl-ispejjez kontra l-attur.**

**Sema' x-xhieda ta' Dr George Cutajar, Romaine Galea, Paul Ciappara, Mark Axiaq, Paul Pullicino, Charles Cauchi u ra l-affidavit ta' Dorianne Galea. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.**

**Ikkunsidra:**

**1. Illi l-attur intavola din il-kawza ghal hlasijiet lilu dovuti bhala rizultat ta' kollizzjoni li sehhet fil-31 ta' Jannar, 2003 bejn il-vettura tieghu numru ta' registrazzjoni HAP 328 u l-karozza tal-konvenuti bin-numru ta' registrazzjoni DAO 256 misjuqa mill-konvenuta Dorainne Galea.**
**2. Dak li qed jippretendi l-attur huwa ghal hlas ta' karozza tal-kiri minhabba d-dewmien fir-riparazzjonijiet u stante illi qed ighid illi ghall-kollizzjoni kienet tahti l-konvenuta.**
**3. Dwar il-punt tar-responsabbilta' ghandu jinghad illi dakinhar ta' l-incident waqt li l-attur kien qed isuq fi Triq il-Ghenba H'Attard sejjer fid-direzzjoni ta' l-Isptar ta' Santa Katerina, l-konvenuta li kienet gejja mill-faccata kissret biex tmur go side street u saret il-kollizzjoni. Il-konvenuta tghid illi kienet waqfet hi u niezla fi Triq l-Ghenba, xeghlet l-indicator u bdiet iddur ghal go Triq il-Kampanella meta l-attur dahal fiha fuq in-naha tax-xellug tal-karozza taghha.**
**4. Fid-dawl tal-provi migjuba dwar il-punt tar-responsabbilta' ma hemmx dubbju illi l-attur kellu d-dritta u l-konvenuta m'uzatx id-debita diligenza meta qieghda ser tikser karreggjata li minnha kien gej it-**

**traffiku u konsegwentement ghandha tigi ritenuta responsabbli ghall-kollizzjoni li eventwlament sehhet. Fil-fatt jirrizulta illi s-socjeta' assigurattrici tal-konvenuta ghamlet tajjeb ghad-danni illi sofra l-attur.**

**5. Ghalhekk il-vertenza hija limitata ghal punt dwar min kellu jaghmel tajjeb ghal kiri ta' karozza illi kienet tinnecessita' lill-attur minhabba x-xoghol tieghu.**

**6. L-istess attur xehed li kien kera karozza minghand Meli Car Hire ghal perjodu mis-31 ta' Jannar 2003 sas-6 ta' Mejju, 2003 b'kollox 95 jum li bis-Lm6.00 kull jum piu' t-taxxa fuq il-valur mizjud igibu s-somma mitluba.**

**7. Jirrizulta li fl-4 ta' Frar, 2003 kien sar survey fuq il-vettura ta' l-attur u bdew ir-riparazzjonijiet.**

**8. Il-problema principali f'dan il-kaz kien il-fatt illi t-tiswija jirrizulta li ma saritx sew u dana kif ser jinghad.**

**9. Irrizulta illi kien hemm hsara fix-chassie u l-magna kellha tinqala. Fis-26 ta' Frar meta armaw il-magna irrizulta li kien hemm xi part li kienet marret u s-surveyor ikkonstata li din trid tinbidel, u l-assigurazzjoni intervenjenti fil-kawza kienet qablet dwar dan. L-attur jispjega fit-tul dwar dawn l-ordnijiet ghall-parts, liema parts kellhom jingiebu tramite runner imqabbad mill-assigurazzjoni. Irrizulta illi wara t-28 ta' Marzu, meta giet il-part rikjesta din ma kienetx taqbel mal-mudell u kellhom jordnawha mill-gdid sakemm ghall-ahhar ta' April bidu ta' Mejju din waslet. Pero' meta t-tellar saq il-karozza dana sab li kienet ingabet bicca nieqsa, u ghalhekk l-attur rega' informa lill-assikurazzjoni u fis-6 ta' Mejju l-parti nieqsa giet u l-karozza giet immuntata kif suppost.**

**10. Dwar il-fatt illi kienet is-socjeta' intervenjenti li kellha tiehu hsieb il-parts jirrizulta mix-xhieda ta' Paul Pullicino l-bniedem li jissupplixxi l-parts lill-assikurazzjoni kif ukoll mix-xhieda ta' Mark Axiaq rapprezentanti tas-socjeta' attrici. Dan ta' l-ahhar jispjega illi l-vettura kienet issewwiet ghand il-Eurostar Garage li huwa approvat mill-assocjazzjoni tal-kumpaniji ta' assikurazzjoni sabiex isewwi. Tant hu hekk illi kien hemm kuntatti kontinwi bejn Paul Ciappara li kien qed isewwi u s-surveyor. Jidher illi**

**kien hemm ukoll qbil illi l-problema ta' l-*engine mounting* jiddahhal fir-rapport tas-surveyor.**

**11. Paul Pullicino jikkonferma illi parts gew hziena ghal darba darbtejn. Innota wkoll illi meta kien gie l-mounting qamet problema bix-shaft.**

**12. Jigi rilevat illi l-konvenuti huma assigurati fully comprehensive mas-socjeta' intervenjenti.**

**13. Il-punt li qed tqajjem l-assigurazzjoni huwa illi skond il-polza l-limitu dwar il-kiri tal-vettura huwa ta' mitejn u hamsin lira (Lm250.00) u dana skond ma jirrizulta minn pagna 5 section 3 tal-polza esebita bhala Dok A li tghid hekk:**

**« The maximum amount payable to others in respect of any one claim or serious of claims arising of one event for the hire of a subtitute vehicle shall not exceed, for each third party claimiant, the sum of Lm250 »**

**14. Dwar din l-ahhar klawsola t-Tribunal jifhem illi hemm din il-limitazzjoni pero' f'dan il-kaz l-assigurazzjoni intervenjenti kienet responsabbli hi personalment li tiehu hsieb illi jingiebu l-parts u ghalhekk tali limitazzjoni ma ghandhiex tapplika kemm-il darba d-danni rizultanti in eccess ikunu graw minhabba t-tort dirett ta' l-istess socjeta' assikurattrici.**

**15. It-Tribunal iqis ukoll illi s-socjeta' attrici bhala intervenjenti fil-kawza bhala in statu et terminis « mhux imdahhal fil-gudizzju pendenti bejn il-kontendenti la bhala attur u lanqas bhala konvenut fis-sens li la jista jigi kkundannat u lanqas illiberat u dana a differenza ta' kjamat fil-kawza (Anthony Psaila vs Arthur Biggerstaff deciza Appell Civili fis-7 ta' Novembru, 1988).**

**16. Ma hemmx dubbju illi l-attur ghandu jerga' jitqieghed fl-istat illi kien qabel ma sehh l-incident. Ma hemmx dubbju wkoll li l-attur ghamel hiltu biex jimminimizza d-danni u filwaqt li l-karozza tieghu kellha l-arja kundizzjonata, l-karozza tal-kiri ma kellhiex, kif ukoll filwaqt li l-karozza tieghu hija Diesel dik mikrija hija Petrol. Ma hemmx dubbju illi ghal dan l-incident kienet tahti l-konvenuta u konsegwentement huma l-konvenuti li ghandhom jaghmlu jirrizarcixxu d-**

**danni sofferti mill-istess attur, b'dana jibqa' salv impregudikat kull dritt ta' l-istess konvenuti ghar-rizarciment ta' l-imsemmija dannni fil-konfront tas-socjeta' assikurattrici.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici. Jiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u jikkundannaha thallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u hamsa u hamsin lira (Lm655) rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur ghal kiri ta' karozza. Bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-6 ta' Mejju, 2003, b'dana li jibqa' impregudikat kull dritt ta' l-istess konvenuti fil-konfront tas-socjeta' intervenjenti.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju numru 1767/03NS, l-ittra tat-28 ta' Marzu, 2003 u tat-30 ta' Gunju, 2003 ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti, filwaqt li l-ispejjez ta' l-intervenjent ghandhom jigu sopportati mill-istess intervenjent fil-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------